## Sejħa għal espressjoni ta' interess għal Ambaxxaturi tal-Qari fuq bażi ta' kuntratt għal servizz (it-tieni sejħa)

**Ħarsa ġenerali:**

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qed tfittex personalitajiet magħrufa lokali fuq bażi ta' kuntratt għal servizz biex jipprovdu sessjonijiet ta' qari għall-gost. L-Ambaxxaturi tal-Qari jistgħu jkunu atturi, xandara, awturi, żeffiena, sportivi, ġurnalisti, kantanti, jew preżentaturi.

Il-kandidati magħżula se jipprovdu bejn 12-il siegħa u 64 siegħa ta' servizz, mifruxa fuq perjodu ta' 8 xhur minn Mejju sa Diċembru 2024, bil-possibilità ta' tiġdid għal perjodu ulterjuri suġġett għal prestazzjoni tajba. Huwa previst li kull attività ta' qari tieħu madwar 3 sigħat ta' servizz. Ir-rata tal-ħlas hija ta' €12.67 fis-siegħa, eskluża l-VAT jekk applikabbli. Se jingħata ħlas ukoll għall-preparazzjoni tas-sessjonijiet.

Min jintgħażel ikun responsabbli lejn il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u/jew id-delegat tiegħu/tagħha. Impjegati full-time tal-Aġenzija mhumiex eliġibbli. L-applikanti eliġibbli se jissejħu għal intervista.

**Dmirijiet u responsabbiltajiet:**

1. Il-preparazzjoni u l-għoti ta' sessjonijiet tal-qari bl-iskop li jilħqu t-tfal u l-edukaturi. Jista' jkun hemm okkażjonijiet fejn il-ġenituri /kustodji jkunu preżenti.

2. Livell għoli ta' professjonalità fix-xogħol.

3. Ħidma kollaborattiva mal-partijiet rilevanti kollha biex jiġi żgurat servizz ta' kwalità u f'waqtu.

**Għanijiet:**

1. Jitkattar l-iżvilupp tal-litteriżmu fost it-tfal permezz tal-qari tal-istejjer.

2. Titrawwem l-imħabba lejn il-qari tal-istejjer permezz ta' qari b'mod professjonali tul dawn is-sessjonijiet.

3. L-immersjoni totali fil-Malti jew fl-Ingliż: il-qari u l-kummenti dwar l-istorja jsiru skont il-lingwa tal-ktieb li jkun qed jinqara.

**Kriterji ta' eliġibilità:**

- Atturi, xandara, awturi, żeffiena, sportivi, ġurnalisti, kantanti, jew preżentaturi li huma magħrufa u stabbiliti.
- Profiċjenza għolja fil-qari, fit-taħdit u l-komunikazzjoni bil-Malti u/jew bl-Ingliż.

Tingħata preferenza lil kandidati li diġà għandhom esperjenza jagħmlu sessjonijiet ta' qari tal-programm tal-Ambaxxaturi tal-Qari.

**Kif tapplika:**

Il-kandidati għandhom jissottomettu l-espressjoni ta' interess, flimkien mal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-Europass Curriculum Vitae u kopja taċ-ċertifikat ta' kondotta nadifa maħruġ mill-pulizija, permezz ta' ittra elettronika lil nlarecruitment@ilearn.edu.mt jew bil-posta jew bl-idejn lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, il-Ħamrun HMR 1304 sa mhux aktar tard mill-Erbgħa 22 ta' Mejju 2024, f'nofsinhar. Jekk ikollok xi diffikultà tista' tikkuntattjana fuq nlarecruitment@ilearn.edu.mt jew ċċempel fuq 25983325.

## Call for expression of interest for Reading Ambassadors on a contract for service basis (second call)

**Overview:**

The National Literacy Agency will be recruiting local personalities on a contract for service basis to provide interactive sessions. Ambassadors can be actors, broadcasters, authors, dancers, sportspersons, journalists, singers, or presenters.

The eligible candidate/s will provide between 12 hours and 64 hours of service, spread over a period of 8 months from May to December 2024, renewable for further periods subject to satisfactory performance. It is envisaged that every reading session will last approximately 3 hours. The payment rate is €12.67 per hour, excluding VAT where applicable. Remuneration will be provided for session preparation.

The selected service providers will be accountable to the CEO of the National Literacy Agency and/or his/her delegate. Full-time employees of the Agency are not eligible.

Eligible applicants will be requested to sit for an interview.

**Duties and responsibilities:**

1. Prepare and deliver effective reading sessions for children and their educators. Parents/caregivers may be present on some occasions.
2. Maximum high standards of professional practice and behaviour.
3. Maintain a collaborative working relationship with all relevant stakeholders to ensure quality and timely services are provided.

**Objectives:**

1. Support the development of literacy among children through reading/storytelling.
2. Promote the love and enjoyment of books through high quality reading/storytelling sessions.
3. Ensure full language immersion in either Maltese or English during every reading/storytelling session.

**Eligibility criteria:**

- Actors, broadcasters, authors, dancers, sportspersons, journalists, singers, or presenters who are well known and established.
- Excellent fluency and communication skills in Maltese and/or in English.

Preference will be given to candidates that have previous experience delivering sessions as part of the Reading Ambassadors programme.

**How to apply:**

Candidates should submit their expression of interest, together with a summary of qualifications and experience in a Europass Curriculum Vitae format and a copy of their police conduct certificate by email to nlarecruitment@ilearn.edu.mt or by registered post or by hand to the National Literacy Agency, NCC, Joseph Abela Scolaro Street, Ħamrun HMR 1304 by not later than Wednesday 22nd May 2024, at noon. In case of queries, please send an email to nlarecruitment@ilearn.edu.mt or call 25983325.